MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 378/2009

**Nike Ventures Limited (C17470) u Edmond Espedito u Maria Therese konjugi Mugliette (ID 661762M u 21162M)**

**-vs-**

**John Patrick u Mary mizzewgin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f'ismu propju u bhala legittimu rappresentant ta' bintu minuri Elaine**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors guramentat ta' Edmond Espedito Mugliette personalment u in rappresentanza ta' Nike Ventures Limited, u Maria Theresa Mugliette, tas-16 ta' April 2009 fejn jinghad hekk –

" 1. Illi fuq inizjattiva tal-attur Edmond Mugliette kienu nfethu zewg kontijiet bankarji intestati "*Mr. Edmond*

*Espedito Mugliette & Dr. John Hayman*" mal-Bank of Valletta plc bin-numri 115-0858402-0 *savings* u 115-0858401-7 *kurrenti*, f'Jannar, 1995 ;

2. Illi dawn iz-zewg kontijiet ma kinux jintuzaw wisq mill-attur, izda fl-14 ta' Marzu, 2001, l-attur bhala direttur tas-socjeta' attrici Nike Ventures Ltd kien ircieva pagament ta' prezz ta' fond li nbiegh mill-istess socjeta' attrici lit-terzi, u dan il-pagament gie depositat minnu fil-kont fuq imsemmi numru 115-0858402-0 ;

3. Illi l-unici azzjonisti tas-socjeta' attrici Nike Ventures Ltd kienu biss l-atturi l-konjugi Mugliette ;

4. Illi fit-23 ta' April, 2001, miet in-Nutar John Patrick Hayman u l-konvenuti huma l-werrrieta *ab intestato* tieghu ;

5. Illi fl-24 ta' April, 2001, l-attur personalment zbanka l-flus li kien hemm fl-imsemmi kont bankarju 115-0858402-0, hlief ghal bilanc ta' tmintax il-lira Maltin ;

6. Illi sentejn wara dan l-izbank, il-konvenuti pprocedew gudizzjarjament sabiex l-atturi jigu ordnati jhallsu l-flus li gew zbankati mill-attur lura lill-imsemmi kont bankarju 115-0858402-0, flimkien ma' l-imghax fuqha, liema proceduri gew mitmuma fis-27 ta' Gunju, 2008, b'sentenza tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili datata 2 ta' Gunju, 2006 (Citaz. 1059/2005) li laqghet id-domanda tal-konvenuti, minghajr ma gie dikjarat lil min jappartjenu dawn il-flus ;

7. Illi l-imsemmija kontijiet bankarji f'kull mument kienu patrimonju tal-atturi, u l-flus li dahlu u gew irtirati kienu tal-atturi personalment jew tas-socjeta' attrici esklusivament ;

8. Illi n-Nutar John Hayman qatt ma kellu ebda interess personali u proprju fl-istess kontijiet, u infatti, wara li ghen biex jinfethu l-kontijiet, ma kien involut b'ebda mod mal-istess kontijiet, ma ghamel ebda depositu, zbank jew att iehor. Illi huwa kien biss professjonist u vicin tal-attur Mugliette li kien fis-sena accetta illi jinfethu dawn il-

kontijiet f’isem it-tnejn ghar-ragunijiet ta’ konvenjenza kif se jigi ppruvat waqt il-kawza ;

Ghaldaqstant, previa kull dikjarazzjoni u provediment xieraq u opportun, jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddikjara illi l-istess zewg kontijiet bankarji u l-flus relattivi ghall-istess, kienu u ghadhom jappartjenu lill-atturi flimkien esklussivament, jew “*in subsidum*”, tidddikjara lil min jappartjenu dawn il-flus *per via* ta’ likwidazzjoni ;

2. Tawtorizza lill-atturi illi jizbankaw mill-imsemmija kontijiet bankarji, il-flus skond id-dikjarazzjoni jew esitu tal-ewwel talba, u dan minghajr il-bzonn ta’ ebda kunsens jew intervent ulterjuri tal-konvenuti ;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikata mill-atturi flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors guramentat.

**Rat** ir-risposta mahlufa tal-konvenuti kollha li kienet presentata fil-25 ta’ Mejju 2009 li tghid hekk –

“ 1. Illi fl-ewwel lok ghandu jigi ccarat min hu l-attur f’din il-kawza, *stante* li fl-okkju tar-rikors hemm indikati Nike Ventures Limited, Edmond Espedito u Maria Therese Mugliette, filwaqt li sussegwentement hemm indikat li r-rikors guramentat hu ta’ Edmond Espedito Mugliette ;

2. Preliminarjament qed tigi eccepita l-inkompetenza *ratione valoris* ta’ din l-Onorabbli Qorti. Jigi spjegat li l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li z-“*zewg kontijiet bankarji u l-flus relattivi ghall-istess, kienu u ghadhom jappartjenu lill-atturi*”. Jirrizulta kif jistqarru l-istess atturi, li ghal dawn l-ahhar tmien snin f’dawn il-kontijiet bankarji kien hemm depozitata biss is-somma ta’ tmintax il-lira Maltin (LM 18). Ghalhekk l-eccezzjoni li temergi minn dan il-fatt hi ovvja ;

3. Preliminarjament ukoll is-socjeta' attrici Nike Ventures Limited m'ghandha l-ebda interess guridiku li tippromvowi l-istanza odjerna ;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet kif formulati fir-rikors promotur huma nsostenibbli u legalment improponibbli – jekk wiehed ihares lejn it-tieni talba, l-atturi qed jitolbu li jigu awtorizzati "***jizbankaw mill-imsemmija kontijiet bankarji, il-flus*** *skond id-dikjarazzjoni jew esitu tal-ewwel talba*". Jirrizulta illi Edmond Espedito Mugliett zbanka dawn il-flus (salv ghal LM 18) aktar minn tmien snin qabel ippropona r-rikors odjern, u sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentat qatt ma rrifonda dawn il-flus fl-imsemmi kont bankarju, minkejja li hekk ordnat b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li giet konfermata wkoll fl-Appell. Ghaldaqstant certament li hadd ma jista' jipproponi azzjoni ghall-izbank ta' flus minn kont bankarju (salv ghall-LM 18) meta dan il-fatt ilu snin twal kompjut.

5. Illi subordinatament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, qabel ma l-atturi jkunu f'posizzjoni li jistghu jipproponu l-azzjoni odjerna, jew ikomplu l-istess, huma jridu necessarjament jirreintegraw il-kontijiet bankarji mertu tal-kawza bil-flus kollha li gew abusivament mehuda minnhom minn dawn il-kontijiet, kif diga' gew ordnati li jaghmlu minn din il-Qorti diversament presjeduta u anke mill-Qorti tal-Appell. Is-sitwazzjoni odjerna hi analoga ghall-kaz ta' spoll – hadd ma jista' jipproponi l-kawza petitorja jekk ma jirreintegrax fil-pussess lill-persuna spoljata.

6. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq premess, l-allegazzjoni tal-atturi li l-flus li kien hemm depozitati fil-kontijiet bankarji fuq riferiti huma taghhom esklussivament hi kontestata, u dana billi ser jirrizulta fil-mori tal-kawza illi l-mibki Nutar John Patrick Hayman ma kienx "ghen biss biex jinfethu dawn il-kontijiet bankarji u qatt ma ddepozita f'dawn il-kontijiet", kif qed jigi allegat mill-atturi, izda ghall-kuntrarju l-fondi li kien hemm f'dawn il-kontijiet qabel ma gew abusivament zbankati mir-rikorrent Edmond Mugliette kienu jappartjenu lill-istess

Nutar John Patrick Hayman esklussivament, u mhux lill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta’ Gunju 2009 (fol. 35), in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, saret talba sabiex issir korrezzjoni fis-sens li jkun jirrizulta li r-rikors mahluf huwa tat-tliet atturi u cioe’ Nike Ventures Limited, Edmond Espedito Mugliette u martu Maria Therese Mugliette mhux ta’ Edmond Espedito Mugliette wahdu. Din il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni kif mitluba.

**Rat** li f’dik l-istess udjenza din il-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza ta’ din il-Qorti “*ratione valoris*”.

**Rat** in-noti ta’ referenzi u/jew sottomissjonijiet tal-partijiet dwar din l-eccezzjoni.

**Rat** id-digriet taghha tat-13 ta’ Lulju 2009 (fol. 41) fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza “*ratione valoris*”.

**Ikkunsidrat –**

In sostennn tal-eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jirreferu ghal din il-gurisprudenza :

a) Paul Borg vs Jane Vassallo deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-15 ta’ Dicembru 2003 ;
b) Mary Oliva vs Maria Camilleri deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta’ Gunju 1964 ;
c) Middle Sea Insurance plc vs The Cargo Handling Company Limited et deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta’ Settembru 2003.

Il-parametri li jiddeterminaw il-kompetenza tal-Qorti huma l-atti promoturi, it-talbiet u l-premessi taghhom.

Dak in esami mhux kaz fejn il-valur huwa incert jew indeterminat skond l-Art. 747 tal-Kap. 12. Riferibbilment ghas-subartiklu (2) subinciz (c) tal-istess Art. 747, fejn il-valur tal-haga jkun jirrizulta mit-talba tal-attur, allura l-kompetenza tal-Qorti tigi radikata skond dak il-valur. Fil-kaz odjern jirrizulta li ghal dawn l-ahhar tmien snin fil-kont tal-bank *de quo* kien hemm bilanc ta' Lm 18.

Min-naha taghhom l-atturi jirrespingu l-infondatezza tal-eccezzjoni preliminari billi jghidu hekk –

1) L-atturi qed jitolbu mill-Qorti dikjarazzjoni li " *iz-zewg kontijiet bankarji u l-flus relattivi, kienu u ghadhom jappartjenu lill-atturi flimkien u esklussivament, jew in subsidium, tiddikjara lil min jappartjenu dawn il-flus per via di likwidazzjoni* u dan wara li gie premess illi dina t-talba tolqot u tikkomprendi wkoll id-depositi u l-izbank, fosthom dak tas-somma ta' Lm40,500 mill-wiehed tal-istess kontijiet bankarji li l-atturi konjugi Mugliette gew ordnati illi jroddu lura fl-imsemmi kont bankarju b'sentenza precedenti tal-Qorti tal-Appell fil-gurisdizzjoni superjuri taghha, liema sentenza giet citata fir-rikors tal-atturi. Ergo, il-valur tat-talbiet attrici jissuperaw sew il-kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati. "

2) " Il-konvenuti fl-eccezzjoni taghhom jirrikonoxxu illi t-talbiet attrici mhumiex semplicament l-izbank tal-bilanc ta' ftit liri, u allegaw illi kien hemm sommom li gew zbankati abusivament mill-attur Mugliette. Id-dikjarazzjoni mitluba mill-atturi f'dan il-gudizzju hija manifestament u ovvjament il-pretensjoni attrici illi dawna l-flus ukoll, mhux biss dak li fadal fil-kontijiet, u cioe' d-drittijiet naxxenti mill-kont bankarju fil-konfront tal-konvenuti, kienu u ghadhom patrimonju esklussiv tal-atturi, li *del resto*, kienet il-meritu li gie riservat fis-sentenza fuq citata. "

3) " Illi kont bankarju, u *multo magis*, kont bankarju '*joint*' huwa oggett differenti mill-bilanc tal-flus li jkun fih. Hija relazzjoni kuntrattwali nterna bejn iz-zewg '*account holders*' u relazzjoni taghhom mal-bank. "

4) “ Illi t-talbiet attrici huma talbiet sabiex jigi deciz x’kienet ir-relazzjoni attwali bejn Mugliette u n-Nutar Hayman f’dawn iz-zewg kontijiet bankarji, u cioe’ il-pretensjoni li giet riservata fis-sentenza tal-appell tas-27 ta’ Gunju, 2008, u cioe’ d-dritt illi l-atturi Mugliette u ohrajn illi jipprovaw permezz ta’ istanza petitorja illi lil min minnhom jappartjenu l-flus li kienu gew depositati u zbankati mill-imsemmi kont bankarju li skond l-imsemmija sentenza hemm attiv li jissupera l-bilanc prezenti tal-flus u ergo l-valur tal-kompetenza inferjuri. Kif jidher mid-dokumenti annessi mar-rikors guramentat tal-atturi, wiehed minn dawn il-kontijiet bankarji kellu fil-mument li miet il-mibki Nutar Hayman, flus li jammontaw ghal izjed minn Lm50,000. ”

**Ikkunsidrat –**

Din il-Qorti tghid li l-kriterji li <u>flimkien</u> iwasslu biex tkun determinata l-kompetenza tal-Qorti huma fl-ewwel lok l-att promotorju, it-talbiet u l-premessi taghhom, kif ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut. U propju ghaliex dawk huma l-parametri, kull kaz in linea generali huwa differenti minn iehor u ghalhekk il-gudizzju jrid ikun imsejjes fuq dak li jirrizulta mill-atti tal-bidu tal-kawza sabiex il-Qorti tghid jekk ghandhiex kompetenza tisma’ hi l-kawza jew le.

Din il-Qorti qed tishaq fuq dan il-principju ghaliex ghalkemm l-insenjamenti li hargu mit-tliet sentenzi, citati fin-nota tal-konvenuti, huma validi b’mod generali, irid jinghad li l-mertu tal-istanza f’kull kaz kien divers ghal kollox minn dak tal-kaz in esami –

1) **<u>“Borg vs Vassallo”</u>**
deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-15 ta’ Dicembru 2003

It-talba kienet (1) il-kundanna tal-konvenuta ghar-repristinar tal-hajt divizorju komuni ghall-istat *ante quo* x-xogholijiet li saru fuqu mill-konvenuta u (2) fin-nuqqas il-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas il-valur tax-xogholijiet. L-Ewwel Qorti kienet cahdet l-eccezzjoni tal-inkompetenza fuq l-uniku motiv li l-partijiet la ttrattaw

oralment u lanqas ipprezentaw in-noti li obbligaw ruhhom li jipprezentaw. Il-Qorti tal-Appell iccensurat dik il-motivazzjoni ghar-raguni li l-inkompetenza tal-Qorti hija materja ta' ordni pubbliku u sollevabbli *ex officio*. Il-Qorti qalet li l-azzjoni proposta kienet ittendi lejn ir-reintegrazzjoni fid-dritt tal-pussess tal-atturi fir-rigward tal-istess hajt. Ghalhekk dawn il-fatturi kienu jesorbitaw il-kompetenza tal-qorti inferjuri.

2) **<u>"Oliva vs Camilleri"</u>** (Vol.LXVIII.II.1016)
deciza minn din il-Qorti (Onor. E. Magri) fis-6 ta' Gunju 1964

L-attrici talbet li l-konvenuta tkun ordnata tikkonsenja xi ilbiesi propjeta' taghha li l-konvenuta kienet irrifjutat li trodd. Il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione valoris* ghar-raguni li l-effetti mobbli mertu tat-talba kellhom valur indeterminat.

3) **<u>"Middle Sea Insurance plc vs The Cargo Handling Company"</u>**
deciza minn din il-Qorti (Onor. J.R. Micallef) fil-25 ta' Settembru 2003

Is-socjeta' attrici talbet li tithallas minghand is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ammont determinat li kienet hallset bhala indennizz lill-assikurat taghha abbazi tal-pretensjoni li l-hsara li wasslet ghall-indennizz grat htija taghhom jew min minnhom. Il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione valoris* ghar-raguni li si trattava ta' kawza ghad-danni, fejn il-valur tad-danni pretizi kien determinat u l-ammont kien jaqa' fil-kompetenza tal-qorti inferjuri.

Meta tqis dak li ntalab f'din il-kawza, u l-mod kif il-konvenuti laqghu ghat-talbiet u l-premessi taghhom, din il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet –

1) Fil-<u>premessi</u> tar-rikors mahluf, l-atturi jaghmlu riferenza ghas-sentenza li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri fis-27 ta' Gunju 2008 f'kawza bejn il-partijiet, istitwita dik mill-konvenuti odjerni, fejn l-atturi

konjugi Mugliette kienu ordnati jqeghdu lura l-flus, li kienu zbankaw mill-kont tal-Bank of Valletta plc Nru.115-0858402-0, l-ghada tal-mewt tan-Nutar John Patrick Hayman fl-ammont ta’ Lm 40,500 flimkien mal-imghax, jew f’dak l-istess kont inkella f’kont gdid f’isem il-konjugi Mugliette u l-konvenuti odjerni b’dan illi l-flus jigu zbankati jew bil-kunsens taz-zewg nahat inkella b’ordni tal-Qorti. Ghalkemm f’dik il-kawza, kien specifikat l-ammont zbankat, li kien jaqa’ fil-kompetenza ta’ din il-Qorti, kien accertat li meta saret dik il-kawza, il-kont *de quo* kien diga’ kellu biss bilanc ta’ Lm 18. F’dik il-kawza ma kien hemm ebda kwistjoni ta’ inkompetenza tal-Qorti *ratione valoris*.

2) Fl-assenza ta’ ftehim bejn il-partijiet, huwa evidenti li <u>l-kawza tal-lum</u> giet istitwita quddiem Qorti (b’kompetenza identika ghal dik li ttrattat il-mertu inizjali) bhala <u>segwitu</u> ghas-sentenza fuq riferita.

3) <u>Mill-premessi u mit-talbiet</u> kif intavolati, huwa ben manifest li l-vertenza primarjament tirrigwarda l-appartenenza legittima tal-kontijiet bankarji (wiehed minnhom citat fis-sentenza fuq riferita) u d-drittijiet kollha relatati li jikkomprendu d-dritt tal-izbank – materji li min-natura stess taghhom ghandhom valur indeterminat, u skond l-Art.747(1) tal-Kap.12 jaqbzu l-kompetenza tal-qorti ta’ gurisdizzjoni limitata.

4) Ladarba mill-premessi kif riflessi fit-talbiet jirrizulta x’wassal biex saret din il-kawza, ma jistax jinghad, b’riferenza ghall-Art.747(2)(c) u l-Art.748(a) tal-Kap.12, li fil-kawza odjerna jirrizulta valur li huwa determinat mill-fatt li fil-kont *de quo* fadal bilanc ta’ Lm 18 (kif qed jargomentaw il-konvenuti) u allura hija kompetenti qorti ta’ gurisdizzjoni limitata. L-ewwel talba mhix tolqot biss il-flus li ***ghadhom*** depositati fil-kontijiet, li forsi jekk izolati <u>wahedhom</u> minghajr qies ta’ xejn aktar, huma rrisorji, izda tolqot bla dubbju ta’ xejn il-flus li ***kienu*** depositati fl-istess kontijiet mid-data tal-ftuh tal-kontijiet u matul is-snin. L-entita’ ta’ dawn il-flus tirrizulta ghax hemm riferenza cara u netta ghalihom fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell citata fil-premessi, kif ukoll fid-dokumenti esebiti mill-atturi, u anke

abbazi ta’ dawk l-ammonti certament taqa’ fil-kompetenza ta’ din il-Qorti.

5) Din l-impostazzjoni hija msahha kjarament mit-tieni parti tal-istess talba fejn qed jintalab li, accertata l-appartenenza tal-flus, ghandha ssir likwidazzjoni taghhom biex ikun stabbilit kemm jispetta lil kull wiehed mill-atturi, halli skond it-tieni talba, kull attur ikun awtorizzat jizbanka dak li jigi dikjarat bhala appartenenti lilu minghajr il-kunsens tal-konvenuti. *Una volta* l-istanza, il-premessi u t-talbiet attrici ghandhom risvolti miftuha u ndeterminati anke fil-kuntest tal-kontegg tal-fondi, il-konvenuti ma jistghux javvanzaw b’success l-eccezzjoni tal-inkompetenza skond il-valur merament ghaliex fid-data tal-presentata tar-rikors mahluf id-depositi kienu jammontaw ghal Lm 18.

6) “**Mizzi vs Key**” deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta’ Frar 2001 hija sentenza li, ghalkemm m’ghandhiex mertu bhal dak odjern, ittrattat l-eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione valoris* b’mod li jixbah dak li qed taghmel din il-Qorti llum, ghaliex hemm saret talba biex l-konvenuta tkunu ordnata tersaq ghall-pubblikazzjoni ta’ kuntratt ta’ tpartit ta’ immobbli u sabiex thallas somma flus li *per se* kienet taqa’ fil-gurisdizzjoni ta’ qorti limitata, wara li kien premess li hekk kienet obbligata taghmel il-konvenuta wara li kien iffirmat konvenju bejn il-partijiet bhala segwitu ta’ sentenza dwar divizjoni ta’ wirt. Il-Qorti tal-Appell *inter alia* qalet hekk–

… *din il-Qorti m’ghandha l-ebda esitazzjoni biex tasal ghall-konkluzjoni li l-azzjoni kif proposta taqa’ fil-kompetenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili. Dan propju ghaliex il-kwistjoni bejn il-kontendenti … tezorbita mit-termini stretti tal-“konvenju” … u fil-verita’ l-oggett tal-kawza ma jibqax semplicement il-hlas ta’ somma determinata, imma jimporta, qabel xejn, il-konsiderazzjoni jew decizjoni mhux biss dwar il-validita’ ta’ l-iskrittura in kwistjoni, imma wkoll, u aktar, ta’ kif il-ftehim li ntlahaq bl-iskrittura kien, jekk kien, jeffttwa s-sentenza … li ghaddiet in gudikat. Kwistjonijiet dawn certament ta’ valur indeterminat…*

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghda tiddeciedi billi –**

**1) Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti ;**

**2) Tiddikjara li hija kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi din il-kawza ;**

**3) Tordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza bil-gbir tal-provi fil-mertu ghall-udjenza tat-Tnejn 30 ta' Novembru 2009 fil-11:00a.m.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------